# Skema għal Sussidju Parzjali ta' Self Approvat mill-Banek lill-Każini tal-Banda

**Il-Linji Gwida u Regolamenti 2025**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠA: NOVEMBRU 2025

## L-ALLOKAZZJONIJIET

| IL-BAĠIT GĦAS-SESSJONI | L-GĦOTJA MASSIMA GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| EUR 280,000 | 50% tal-imgħax imħallas fuq self bankarju li huwa dovut kull sena għal perjodu massimu ta’ għaxar snin konsekuttivi |

| IL-KOFINANZJAMENT | L-IŻBORŻ |
|---|---|
| Din l-iskema tista’ tkopri sa 50% tal-imgħax kollu dovut matul il-perjodu massimu ta’ 10 snin konsekuttivi | Pagament kull sena li jsir lill-benefiċjarju u li jkopri sa 50% tal-imgħax dovut għal dik is-sena |

## L-ISKEDA TA’ ŻMIEN

| L-ISKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TA’ ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| Sejħa miftuħa sas-17 ta’ Novembru 2026 jew sa meta l-fondi jiġu żborżjati kollha | Maħruġa fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-wasla ta’ applikazzjoni sħiħa | L-1 ta’ Jannar 2026 – Il-31 ta’ Diċembru 2035 |

# 1. Introduzzjoni

L-Iskema għal Sussidju Parzjali ta’ Self Approvat mill-Banek lill-Każini tal-Banda hija parti mill-iskemi ta’ finanzjament tal-Kunsill Malti għall-Arti bil-għan ta’ investiment fil-każini tal-banda lokali. Il-każini għandhom irwol kruċjali fil-preżervazzjoni ta’ tradizzjonijiet kulturali, it-trawwim ta’ identità komunitarja u tat-talent żagħżugħ fil-mużika u l-arti performattiva f’Malta. Madankollu organizzazzjonijiet volontarji bħalhom, spiss isibu quddiem wiċċhom sfidi finanzjarji kbar biex iżommu l-operat tagħhom, jinvestu f’infrastruttura, u biex jimmodernizzaw il-faċilitajiet tagħhom.

Jeżisti aċċess għal finanzjament mis-settur bankarju imma ħafna drabi l-ispiża tas-self toħnoq dan l-aċċess. Minkejja l-ħtieġa għal titjib, rinovazzjonijiet u inizjattivi kulturali, l-organizzazzjonijiet volontarji jaqtgħu qalbhom minħabba r-rati għolja tal-imgħax marbuta mas-self bankarju. Din l-iskema għandha l-għan issaħħaħ is-settur billi ttaffi l-piż finanzjarju fuq il-każini tal-banda li jissellfu mill-banek.

Din l-iskema se tissussidja parzjalment il-piż tal-imgħax fuq tali self, u b’hekk tiffaċilita l-investiment, tiżgura sostenibbiltà finanzjarja, u ttejjeb il-kontribut kulturali tal-każini tal-banda.

L-għajnuna hija mmirata esklużivament għall-każini tal-banda lokali, li huma organizzazzjonijiet volontarji komunitarji li jiġġeneraw valur pubbliku. L-għajnuna se ssaħħaħ is-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom għal żmien twil u tissalvagwardja l-ħila tagħhom li jipprovdu servizzi kulturali lill-komunità.

L-għan ewlieni ta’ din l-iskema huwa li jiffaċilita l-aċċess għal finanzjament affordabbli lill-każini tal-banda billi jissussidja parti mill-imgħax dovut fuq self bankarju approvat. Is-sussidju se jkun imsejjes fuq iffissar ta’ limitu massimu ta’ €500,000 (ħames mitt elf ewro) ta’ self bankarju. Għalhekk, fil-każ ta’ self ta’ €600,000, waqt li dan xorta jikkwalifika għal din l-iskema, l-għajnuna se tiġi kkalkulata fuq l-ewwel €500,000 biss.

L-iskema hija mfassla bħala intervent proporzjonat u trasparenti, li tiżgura li l-għajnuna pubblika tnaqqas il-piż finanzjarju direttament mingħajr ma xxekkel il-kompetizzjoni tas-suq, billi tnaqqas l-ispiża effettiva tas-self. Din hija miżura li se tixpruna investiment fl-infrastruttura, il-modernizzazzjoni, u l-attivitajiet kulturali. Mingħajr din l-għajnuna, dan kollu ma jintlaħaqx.

Qabelxejn, il-każini tal-banda se jieħdu r-responsabbiltà li jinnegozjaw ftehim ta’ self bankarju direttament mal-istituzzjonijiet bankarji, jiżguraw li huma kapaċi jakkwistaw finanzjament imfassal għall-ħtiġijiet tagħhom waqt li wkoll iżommu mal-proċeduri standard ta’ diliġenza bankarja.

Ladarba s-self joħroġ, il-Kunsill Malti għall-Arti, f’isem il-Gvern, se jintervjeni biss **għall-għan ta’ sussidju ta’ 50% tal-imgħax dovut marbut mas-self.**

# 2. Id-definizzjonijiet

Applikant

- L-applikant jista' jkun organizzazzjoni volontarja iskritta mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u li huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, kif ukoll huwa **Soċjetà Mużikali jew Każin tal-Banda** attiv fis-setturi kulturali u kreattivi.
- L-applikant jista' jkun Soċjetà Mużikali jew Każin tal-Banda li qed japplika għal self bankarju ma' istituzzjonijiet bankarji approvati.
- L-applikant jista' jkun Soċjetà Mużikali jew Każin tal-Banda li diġà għandu self bankarju ma' istituzzjonijiet bankarji approvati.
- L-applikant MA jistax ikun Soċjetà Mużikali jew Każin tal-Banda li tul dawn l-aħħar ħames snin ibbenefika mill-iskema tal-Kunsill Malti għall-Arti 'Nissalvagwardjaw il-Każini tal-Banda taħt Theddida ta' Żgumbrament'.

Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, bid-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formola tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur l-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli legalment mit-twettiq tal-proposta mwieżna mill-Iskema.

Bord tal-evalwazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar Bord tal-Evalwazzjoni għal kull sejħa taħt l-Iskema. Il-bord maħtur jista' jkun magħmul minn professjonisti lokali jew barranin li ġejjin mis-settur tal-kultura u l-arti.

Eliġibbiltà

- L-applikazzjonijiet li żguraw self bankarju, jew jinsabu fil-proċess għal tali self, minn istituzzjonijiet bankarji approvati huma eliġibbli. Wara jsir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġesturi tal-fond. Il-proposti li ma jinstabux eliġibbli ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

Dokumentazzjoni obbligatorja

- Id-dokumenti meħtieġa kollha li jsostnu l-proposta tiegħek u jgħinu l-evalwazzjoni tal-proposta tiegħek (eż., rekords, kuntratti, portafolli, konvenji, ittri ta' sanzjoni, permessi jew oħrajn).

Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida.

Finanzjament massimu

- Il-finanzjament massimu huwa ta' 50% tal-imgħax dovut għal dik is-sena matul iż-żmien tas-self bankarju jew perjodu massimu ta' għaxar snin konsekuttivi (skont liema jiġi l-ewwel). Dan jiġi applikat fuq massimu ta' self bankarju ta' €500,000 għal kull proposta li tiġi allokata. L-ammonti mogħtija jiġu deċiżi fuq bażi ta' każ b'każ, skont il-proposta.

## Ġestjoni u amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-ġestjoni ta' din l-iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, fosthom is-sottomissjoni online tal-applikazzjonijiet u kwalunkwe aġġornament fuq il-proposti li jingħataw il-fondi, għandhom jintbagħtu fl-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

## Impriża

- Impriża hija definita bħala entità involuta f'attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 tat-TFUE (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta' oġġetti u servizzi f'suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu wkoll ifornu oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jibqgħu 'l barra mill-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża tibqa' dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

## Impriża waħda

- Din tinkludi l-impriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet ma' xulxin:

a. Impriża waħda bil-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;
b. Impriża waħda bid-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża oħra;
c. Impriża waħda bid-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt magħmul ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha;
d. Impriża waħda, li tkun azzjonista jew membru ta' impriża oħra, li tikkontrolla waħedha – skont ftehim ma' azzjonisti jew membri oħra ta' dik l-impriża, il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża.

L-intrapriżi li jkollhom xi waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti ta' hawn fuq permezz ta' impriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu bħala impriża waħda.

## Organizzazzjoni volontarja

- Organizzazzjoni mwaqqfa legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u li għandha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mal-ħtiġijiet tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

## Żborż tal-Fondi

- Din l-għotja se tiġi żborżjata kif muri f'paġna 2 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti. Jinħareġ ċekk f'isem l-applikant. Meta jressaq l-applikazzjoni, l-applikant irid ikollu kont bankarju mħaddem.

# 3. L-eliġibbiltà

Proġetti li żguraw jew li jinsabu fil-proċess li jiżguraw self bankarju minn istituzzjonijiet bankarji approvati huma eliġibbli għal finanzjament taħt din l-iskema. L-għajnuna se tkun kontra rati tal-imgħax imħallsa fuq self bankarju b'ammont massimu ta' €500,000.

**Il-perjodu ta' żmien massimu biex titwettaq l-attività proposta:** 10 snin konsekuttivi.
**L-ammont massimu eliġibbli ta' self bankarju li jiġi kkunsidrat għall-fini ta' din l-iskema:** €500,000.

## 3.1 Min jista' japplika?

Din l-iskema tgħin proposti għal sussidju fuq ir-rata tal-imgħax li tiġi applikata matul id-durata tas-self, sa massimu ta' għaxar snin konsekuttivi (liema tiġi l-ewwel).
Il-mekkaniżmu ta' din l-iskema hija strutturata b'mod li tiżgura kemm effiċjenza kif ukoll akkontabbilità waqt li żżomm ħolqa diretta bejn il-każini tal-banda u l-Kunsill Malti għall-Arti.

Dan il-programm joffri żewġ għażliet: waħda ta' għajnuna mill-Istat u oħra ta' għajnuna mhux mill-Istat. L-għażla ta' għajnuna mill-Istat hija disponibbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE, li għal din l-għażla l-għajnuna se tingħata skont ir-Regolament de minimis. L-għażla ta' għajnuna mhux mill-Istat hija disponibbli għal applikanti li ma jwettqux attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE, kif ukoll għal proposti li ma jinvolvux attività ekonomika simili. Jekk jogħġbok irreferi għal Sezzjoni 9 ta' dawn il-linji gwida għal aktar informazzjoni.

Barra minn hekk, l-applikanti jridu jikkwalifikaw bħala Organizzazzjoni Volontarja iskritta mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u huma konformi mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

Dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli għal din l-iskema:

- Applikanti li ma jikkwalifikawx bħala 'applikant' skont id-definizzjoni ta' din l-iskema speċifika.
- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut sforz in-nuqqas tad-dokumenti obbligatorji mniżżlin hawn isfel:
    - kopja tal-karta tal-identità Maltija (minn quddiem u wara); jew permess ta' residenza f'Malta; jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti;
    - statut iffirmat fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Benefiċjarji tal-iskema '*Nissalvagwardjaw il-Każini tal-Banda mit-Theddida ta' Żgumbrament*' li ffirmaw il-ftehim ta' akkwiżizzjoni.
- Benefiċjarji li ma onorawx impenji ta' finanzjament preċedenti.
- Benefiċjarji li ma ressqux jew lestew għall-inqas rapport finali wieħed marbut ma' għotja preċedenti ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti skont l-iskeda ta' żmien stabbilita.
- Organizzazzjonijiet Volontarji li mhumiex konformi mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji għax:
    - mhumiex iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;

  - ma ppreżentawx il-kotba aġġornati tagħhom lill- Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - ma għandhomx indirizz irreġistrat fil-Gżejjer Maltin.
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali permezz ta' voti stabbiliti mill-gvern.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?

Din l-għotja tista' tkopri sa 50% tar-rata tal-imgħax imposta mill-istituzzjoni bankarja fuq self approvat fuq bażi annwali abbażi ta' limitu massimu ta' self bankarju ta' €500,000 (ħames mitt elf ewro).

Il-50% pendenti tar-rata tal-imgħax ma tistax tiġi kopruta permezz ta' programmi oħra ta' finanzjament immexxija mill-Kunsill Malti għall-Arti.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

Din l-iskema ma tkoprix spejjeż oħrajn barra dawk imsemmija f'Sezzjoni 3.3 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti (rati tal-imgħax imposti minn istituzzjonijiet bankarji).

## 3.5 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

Dawn l-applikazzjonijiet **mhumiex** eliġibbli taħt din l-iskema:

- Applikazzjonijiet biex iwieżnu kwalunkwe spiża li mhix imsemmija f'Sezzjoni 3.3 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti.
- Applikazzjonijiet imressqa minn benefiċjarji tal-iskema '*Nissalvagwardjaw il-Każini tal-Banda taħt Theddida ta' Żgumbrament*' li ffirmaw il-ftehim ta' akkwiżizzjoni f'dawn l-aħħar ħames snin.
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum tad-data ta' skadenza.
- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b'vot fuq linja baġitarja jew mingħajru.
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għat-Taqsima 5.1 – Lista ta' Kontroll).
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, il-VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Belt Valletta, il-Borża ta' Studju Malta Arts Scholarships, jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-Istat iddedikat għall-arti jew il-kultura ta' Malta.

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata barra l-ambitu tal-*Iskema għal Sussidju Parzjali ta' Self Approvat mill-Banek għal Każini tal-Banda* mhix eliġibbli għall-għajnuna.

L-applikanti jistgħu jressqu biss applikazzjoni waħda taħt din is-sejħa matul id-durata tal-iskema. L-applikanti jistgħu jibbenefikaw darba biss matul id-durata tal-iskema. Il-benefiċjarji tal-iskema jiġu esklużi minn sejħiet li jinfetħu fil-futur sakemm joħroġ avviż ieħor.

# 4. L-evalwazzjoni

Il-bord ta' evalwazzjoni se jieħu d-deċiżjoni tiegħu skont dawn il-kriterji:

- L-eliġibbiltà tal-applikant skont it-termini msemmija f'Sezzjoni 3 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti.
- It-tressiq tad-dokumenti neċessarji kollha (irreferi għal Sezzjoni 5.1).
- Iċ-ċarezza tad-dokumenti mressqa.

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-iskema.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Uża l-profil eżistenti tiegħek biex tapplika. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq "Irreġistra" u timla d-dettalji mitluba.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Issottometti l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġu jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA għall-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta' skadenza ta' din is-sejħa.

Jekk issib xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Biex tippermettilna nipproċessaw u nevalwaw l-applikazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ippreżenta l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni neċessarja.

Ir-rappreżentanti tal-KMA mhumiex f'pożizzjoni li jiċċekkjaw il-formoli tal-applikazzjoni. Wara d-data ta' skadenza, hija biss fid-diskrezzjoni tal-KMA li jitlob lill-applikanti biex jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-KMA.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inklużi d-dokumenti li jsostnu l-proposta.

L-applikazzjonijiet li jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta’ kontroll

Biex applikazzjoni tkun sħiħa, din trid tinkludi:

- Evidenza tal-approvazzjoni tas-self bankarju bħal kuntratt; il-konvenju ffirmat bejn l-organizzazzjoni volontarja u l-bejjiegħ kif ukoll l-ittra ta’ sanzjoni maħruġa mill-bank li tikkonferma l-għoti tas-self bankarju, jew il-ftehim ta’ akkwiżizzjoni ffirmat mil-bank li se jagħti s-self, dak kollu disponibbli f’każ ta’ applikazzjoni għal self bankarju.
- Evidenza tal-i*standing orders* ta’ kull xahar
- L-iskeda tal-pagamenti marbuta mas-self.
- Kopja taċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni tal-VAT (kif applikabbli).
- Dikjarazzjoni de minimis, kif applikabbli.
- Bijografija (tal-organizzazzjoni volontarja li qed tapplika), li għandha tkun inkluża fis-sezzjoni tal-Profil tal-Applikant tal-applikazzjoni.
- Statut li huwa ffirmat għall-inqas mill-president u s-segretarju tal-kumitat.

Applikazzjonijiet mhux sħaħ ma jiġux evalwati, u l-applikant jintalab iressaq id-dokumenti nieqsa. L-applikazzjoni tiġi evalwata biss meta tkun sħiħa. Meta tiġi stabbilita l-ordni għall-applikazzjonijiet li jiġu nnotifikati l-ewwel, titqies id-data ta’ meta tlestiet l-applikazzjoni.

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-iskema mhix kompetittiva u l-applikazzjonijiet jiġu evalwati fuq bażi ta’ min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel minn panel ta’ esperti relevanti, skont il-kriterji stabbiliti.

Applikazzjonijiet li jitqiesu sħaħ u li jinkludu d-dokumentazzjoni obbligatorja kollha jingħataw l-għotjiet.

Madankollu, is-sessjoni ta’ evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta’ finanzjament jiddependu mill-proposti mressqa u d-disponibbiltà tal-fondi. Barra minn hekk, il-Bord tal-Evalwazzjoni jista’ jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi kollha disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-iskema.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta’ evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom.

## 6.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f’paġna 2 (‘Ir-Riżultati’) għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-lista tal-benefiċjarji se tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet tal-applikazzjonijiet li jiksbu l-fondi. Fil-każ ta’ applikazzjonijiet li ma jiksbux il-fondi, jiġi ppubblikat biss in-numru ta’ referenza tagħhom.

Jekk issib xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista’ tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' solleċitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-amministraturi, il-maniġers, u l-evalwaturi tal-iskema titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-applikazzjonijiet li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett

**Taħt ebda ċirkustanza, il-Kunsill mhu se jkun f'pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija.**

Fil-każ ta' applikanti li jinsabu fil-proċess li jiksbu self bankarju, qabel jiġi ffirmat il-ftehim tal-Kunsill Malti għall-Arti, se jiġu mitluba jressqu evidenza li s-self bankarju ġie approvat bħal ngħidu aħna kuntratt jew kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li ssostni l-istess self.

Se jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-Iskema. L-għotja tista' tingħata biss wara tlestija tal-proċess fil-perjodu ta' żmien stabbilit.

50% tal-imgħax ta' kull sena se jiġi żborżjat direttament lill-benefiċjarji mill-Kunsill Malti għall-Arti kull sena matul perjodu massimu ta' 10 snin konsekuttivi.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett kien sostnut bl-għotja kif ġej: **Megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti.** Dan għandu jiġi applikat fil-materjal kollu maħsub għall-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-istampar. L-għotja mogħtija għandha tintuża esklużivament għall-għan li ngħatat għalih, f'konformità mal-proposta mressqa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom javżaw lill-Kunsill minnufih jekk jiżvolġu bidliet waqt it-twettiq tal-proġett. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet qabel japprova l-Kunsill. Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma tkunx ikkunsidrata allinjata mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma' rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta' monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq kif ukoll wara t-tlestija tal-proġett.

Il-Kunsill jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formula tal-applikazzjoni.

## 7.1 Ir-rapport

Il-benefiċjarji, matul id-durata tal-għotja, se jintalbu jressqu rendikont tal-ħlas lura tas-self bankarju, biex dan iservi bħala evidenza ta' pagament.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirkupra l-fondi f'każ li dawn mhumiex jintużaw u/jew qed jintużaw ħażin u/jew mhux jintużaw skont il-kundizzjonijiet tal-għotja.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li juża l-materjal tal-proġett imressaq.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax il-possibbiltà tiegħek li tirċievi għajnuna mingħand il-KMA fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'kunfidenzjalità.

## 8.1 Il-bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lmenti formali dwar anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura marbuta mal-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u l-evalwazzjoni skont il-proċeduri stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Gvern;
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 Tressiq ta' lment

L-ilmenti jridu jsiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jistqarr il-bażi u r-raġunijiet għalih, jipprovdi spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni relevanti jew testimonjanzi għaliex l-ilmentatur iqis li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew skont regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni fi tmiem il-proċess tal-ilment hija finali. L-ilmenti jeħtieġu jintbagħtu lid-Direttur tal-Finanzjament u l-Istrateġija, il-Kunsill Malti għall-Arti, permezz ta' email indirizzata lil fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-KMA jlaqqa' bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Meta tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna, ikun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proposta tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord hija finali.

# 9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

## 9.1 Regoli dwar l-għajnuna mill-istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE u għal proġetti li jinvolvu attività ekonomika

L-iskema tal-għajnuna mill-istat se tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni ta' Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*.

Dan ir-Regolament japplika għall-għajnuna li tingħata lil impriżi f'kull settur, bl-eċċezzjoni ta':

1. għajnuna li tingħata lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;
2. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-proċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, fejn l-ammont ta' għajnuna huma stabbiliti skont il-prezz jew il-kwantità tal-prodotti mixtrija jew imqiegħda fis-suq;
3. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli;
4. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-proċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:
    i. meta l-ammont ta' għajnuna jiġi stabbilit skont il-prezz jew il-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;
    ii. meta l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;
5. għajnuna mogħtija għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew lejn Stati Membri, jiġifieri għajnuna assoċjata direttament ma' kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operat ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' nefqa oħra kurrenti assoċjata mal-attività tal-esportazzjoni;
6. għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' oġġetti u servizzi domestiċi bi preferenza fuq oġġetti u servizzi.

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija għal kull impriża waħda ma għandux jaqbeż €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin. Il-perjodu ta' tliet snin li għandu jitqies għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jiġi vvalutat fuq bażi kontinwa.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna kollha mill-Istat mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat implimentata skont ir-regola *de minimis* inkluż dik riċevuta minn kwalunkwe entità oħra għajr il-Kunsill Malti għall-Arti. Kwalunkwe għajnuna *de minimis* riċevuta li taqbeż il-limitu stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni kif deskritti f' Artikolu 5 tar-Regolament *de minimis* se jiġu rrispettati.

L-applikanti għandhom iressqu formola ta' dikjarazzjoni *de minimis* li tindika kull għajnuna *de minimis* oħra li jkunu rċivew jew applikaw għaliha matul it-tliet snin preċedenti. Dan se jiżgura li l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda skont ir-regola de minimis mhux se taqbeż l-ammont massimu tal-għajnuna de minimis matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin.

Jekk l-applikant li jintgħażel ma jkunx eliġibbli biex jirċievi għajnuna *de minimis*, dan l-applikant jitqies ineliġibbli, u l-applikant li jkun ġie kklasifikat warajh jingħata l-għajnuna minfloku.

Skont ir-Regolament de minimis, ir-rekords rigward l-għajnuna *de minimis* għandhom jinżammu għal għaxar snin mid-data li fiha tingħata l-għajnuna skont l-iskema.

### 9.1.1 Pubblikazzjoni fir-Reġistru Ċentrali

Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament de minimis, mill-1 ta' Jannar 2026, l-informazzjoni dwar l-għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema għandha tkun disponibbli għall-pubbliku f' reġistru ċentrali..
Din l-informazzjoni għandha ssir pubblika:

- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
- l-ammont tal-għotja;
- id-data tal-għotja;
- l-istrument tal-għajnuna; u
- is-settur involut skont il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

## 9.2 Għażla ta' għajnuna mhux mill-Istat

L-applikanti li ma jwettqux attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE jistgħu japplikaw għall-iskema. Applikazzjonijiet għal proġetti proposti mhux relatati ma' attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE jistgħu wkoll jitressqu għal finanzjament.

Fiż-żewġ każijiet, ir-regoli deskritti fit-Taqsima 9.1 mhumiex applikabbli.

# Teħtieġ parir?

Il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizz ta' konsultazzjoni qabel it-tressiq tal-applikazzjoni biex jgħinek tikseb għajnuna għall-proġett tiegħek. Aħna qegħdin hawn għalik tul kull pass li tagħmel. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex allinjati mal-mekkaniżmu ta' għajnuna fil-mira, u nagħtuk rispons fuq il-mod li qed tippjana biex tippreżenta l-proġett tiegħek. Aħseb bil-quddiem u ejja kellimna għall-inqas erba' ġimgħat qabel id-data ta' skadenza, biex tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista' wkoll iċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00, jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Dan il-linji gwida ġew aġġornati fl-24 ta' Ottubru 2025.**